MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1323/2003

**Joseph Pullicino fil-kwalita` tieghu t'amministratur tal-kondominju tal-Caledonia Tower, Qui-si-Sana Place, Sliema**

**vs**

**Imnarja Ventures Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) rapprezentanti "maintenance fees" dovuti ghall-iskadenza semestrali bejn l-1 ta' Marzu, 2002 u l-31 t'Awissu, 2002, u li jithallsu bil-quddiem, liema "maintenance fees" huma dovuti mis-socjeta` konvenuta bhala s-sehem taghha ta' "maintenance fees" fir-rigward ta' l-appartament numru wiehed (1) formanti parti mill-binja maghrufa bhala Caledonia**

**Tower, u dan ai termini ta’ l-istatut tal-kondominju u d-decizjonijiet tal-Caledonia Tower Association kif ukoll id-dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut, flimkien ma’ l-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ewwel (1) ta’ Marzu, 2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv kif ukoll bl-ispejjez tal-prezenti.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-4 t’Awissu, 2003, fejn intqal illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut stante li thallas.**

**Ra li fit-23 ta’ Settembru, 2003, il-kawza thalliet ghall-provi tas-socjeta` konvenuta fuq l-eccezzjoni tal-pagament. Is-socjeta` konvenuta baqghet ma ressqitx provi. Xehed l-attur Joseph Pullicino li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut kif indikat fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100.00) bl-imghax legali mill-1 ta’ Marzu, 2002 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------